MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 130/2003

Silvano Saliba .

vs

Khaire Jahedir,
U b'degriet tal-5 ta' Ottubru, 2004,
Is-soċjeta' Elmo Insurance Limited
Rappreżentata mill-avukat Dottor Carmelo Galea
Minflok Khaire Jahedir li jinsab imsiefer .

Il-Qorti ,

PRELIMINARI

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi fit-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) waqt li l-attur kien qed isuq motorcycle tat-tip Honda bin-numru FBH-028 minn Triq il-Kapuċċini, Victoria, Għawdex, fid-

direzzjoni ta' Marsalforn, Għawdex, intlaqat minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBG-181 li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, misjuqa mill-konvenut .

Illi dan l-inċident ġara unikament minħabba traskuraġni grassa, negliġenza, imperizja, u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut fis-sewqan tiegħu u dan billi fost nuqqasijiet oħra kien qed isuq b'veloċita' qawwija u qasam fid-direzzjoni opposta tat-triq u mblokka l-karreġġjata li minnha kien għaddej l-attur .

Illi konsegwenza għal dan l-inċident l-attur sofra danni nġenti konsistenti sew f'danni materjali u kif ukoll telf ta' qliegħ futur minħabba debilitazzjoni fiżika permanenti f'ġismu .

Illi l-konvenut minkejja diversi nterpretazzjonijiet da parti ta' l-attur naqas li jersaq għall-kumpens xieraq sabiex jagħmel tajjeb għad-danni sofferti .

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-inċident oġġett ta' din il-kawża ġara unikament ħtija tal-konvenut minħabba traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan, da parti tiegħu .

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur .

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur s-somma hekk likwidata .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja spedita fit-22 ta' Awissu, 2003 u tal-ittra uffiċjali spedita f'Settembru 2003 u tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma' din il-kawża kontra d-ditta assikuratriċi .

Il-konvenut imħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa qiegħed jiġi nġunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur  debitament maħlufa minnu .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut li ġie notifikat b'din il-kawża fis-27 ta' Frar 2004 u madankollu għazel li jibqa' kontumaċi .

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' April 2006 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Charles Grixti bħala espert mediku sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni medika ta' l-attur .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku ppreżentata fl-14 ta' Lulju 2006 u minnu maħlufa fil-11 ta' Mejju 2007 .

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti w affidavits esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża ghad-danni maghmula mill-attur in segwitu għal inċident stradali li fih il-vettura misjuqa mill-konvenut investiet lill-attur waqt li dan kien qed isuq *motor cycle* u konsegwenza ta' hekk, apparti li ġie danneġġjat dan il-*motor cycle*, huwa sofra ġrieħi ta' natura permanenti fuq il-persuna tiegħu .  L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendi li hu l-każ preżenti l-attur[2] .

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward :

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza*

[1] 44 Dig.  Del  leg. aquil. IX, 2 .
[2] art.1033 Kap.16 .

*avvedercene un nostro dovere giuridico . Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

FATTI

L-inċident mertu tal-kawża ġara waqt li l-attur kien qed isuq il-*motor cycle* tiegħu fi Triq il-Kapuċċini, ir-Rabat, Għawdex, fid-direzzjoni ta' Marsalforn, fit-2 ta' Lulju 2003 għal xi 12.30 p.m. Il-konvenut, li kien qed isuq il-*van* tiegħu tat-tip Sherpa matul l-istess triq, fid-direzzjoni tar-Rabat, laqat lill-attur, hekk kif kien qed jaqla' karozza oħra[4] . B'konsegwenza ta' dan, il-*motor cycle* ta' l-attur ġarrab xi ħsara[5] . Agħar minn hekk pero' l-attur stess weġġa' f'diversi partijiet ta' ġismu u spiċċa b'debilita' permanenti fl-irkoppa tax-xellug[6] .

PROVI

Lis-surgent li nvestiga l-inċident, **il-konvenut** spjegalu *a tempo vergine* illi : "*Kont nsuq għat-telgħa b'veloċita' normali u kif wasalt l-isfel mill-G & R Supermarket, naf li kien hemm karozza beige ipparkjata tħares 'l fuq u preċiż quddiem is-supermarket . F'daqqa waħda, x'ħin jiena wasalt fejnha, il-mara li kienet issuq qalgħet 'l fuq u għalqitli t-triq u biex ma naħbatx magħha, ksirt lejn il-lemin u mort fuq in-naħa l-oħra tat-triq, meta fl-istess ħin kien hemm mutur aħmar nieżel li ma naħsibx li kellu wisgħa mnejn jgħaddi . Rajtu jaħbat l-ewwel mal-bankina . Tilef il-kontroll . Inqaleb lejn ix-xellug u waqa' fuq il-bankina . Ma nafx u ma ħassejtx li ħabat mat-truck tiegħi. It-truck soqtu 'l fuq biex jgħaddi t-traffic.*" [7]

**L-attur** minn naħa tiegħu qallu : "*Kont nieżel 'l isfel fuq is-side tiegħi u b'veloċita' normali u f'daqqa waħda x'ħin kont*

---

[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II. # 18 p. 32 - 33 .
[4] ara rapport ta' l-okkorrenza relattiva a fol. 22 - 26 tal-process .
[5] ara okkorenza a fol.23 u invoice Dok. SS1 a fol. 46 .
[6] ara rapport ta' l-espert mediku a fol. 62 – 65 .
[7] okkorrenza a fol. 23 – 24 .

*x'imkien fejn il-ħanut tal-lira, rajt truck abjad tiela minn isfel u fl-istess ħin rajt karozza bajda taqla' 'l fuq minn ħdejn is-supermarket u tat-truck daqqilha l-ħorn u ipprova jiskapulaha u għadda minn mal-lemin tagħha u lili għalaqli t-triq . Żammejt il-brake u ma niftakarx iżjed."* [8]

**Stephen Borg**, xhud okulari ta' l-inċident, li nzerta dak il-ħin kien qiegħed fuq in-naħa tat-triq fejn hemm is-supermarket daqsxejn iżjed 'l isfel, flimkien ma' sħabu Evan Cutajar u Colin Sammut, spjega lis-surġent illi : "*Konna ftit 'l isfel mill-G & R Supermarket u rajna truck BBG 181 tiela minn quddiemna 'l fuq fuq il-linja sewwa . F'daqqa waħda kiser lejn ix-showroom tal-FXB u reġa' lewa fuq il-linja tiegħu . Rajna karozza beige li kienet ipparkjata quddiem is-supermarket taqla' bil-mod 'l fuq . Lil tat-truck rajnieh jgħaddi 'l barra mill-karozza, jiġifieri ġibed lejn il-lemin tat-triq u rajna mutur aħmar FBH 028 nieżel minn fuq b'veloċita' normali u fuq il-linja tiegħu u tat-truck ma ħallielux wisa biżżejjed biex jgħaddi . Rajnieh jinqaleb bil-mutur b'kollox lejn ix-xellug u f'ħin minnhom lid-driver rajnieh jaħbat mal-kantuniera tal-parapett tal-FXB . Morna naraw x'ġara u ssejħet l-ambulanza . Ma nistgħux ngħidu jekk fil-fatt il-mutur ħabatx mat-truck . Rajna il-mutur jiżbilanċja kif kienu (mutur/truck) ma' ġemb xulxin."* [9]

Fl-okkorenza tiegħu s-**surgent Anton Schembri** nnota illi l-*van* tal-konvenut kellu : " … *a rubber mark printed on the right side of the cargo compartment and the same mark measured 0.91 metres from the road surface . Red paint compatible in colour with the motor cycle's colour was observed on the right side of the cargo compartment and measuring .85 metes above road surface*." [10]

Fl-affidavit tiegħu **l-attur** żied jispjega illi qabel l-inċident in kwistjoni, hekk kif lemaħ il-vettura li kienet ser toħroġ mill-*parking bay* ta' quddiem is-supermarket, "*rajt ukoll li kien hemm trakk (dak misjuq mill-konvenut) tiela mid-direzzjoni ta' Marsalforn lejn Victoria - dan kien jidher li kien qed jinsaq bi speed għoli . Għalkemm deher li s-sewwieq kien*

[8] ibid..
[9] ibid a fol. 25 .
[10] okkorenza a fol. 24 .

*induna bil-vettura l-oħra tirriversja quddiemu fil-karregjata tiegħu, ma ppruvax iwaqqaf il-vettura tiegħu u jistenniha tagħmel il-manuvra tagħha . Minflok, il-konvenut daqq il-ħorn tiegħu u kiser lejn il-karreġġjata li kont insuq fiha jien . X'ħin rajtu ser jikser għall-karreġġjata tiegħi brejkjajt il-mutur, kważi lħaqt waqqaft għal kollox u rekkint il-mutur kemm stajt mal-bankina tat-triq . Deher li l-konvenut ma ranix u baqa' ġej direttament għal fuqi bl-istess speed li kien għaddej bih qabel."* [11]

**Stephen Borg**, fid-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, qabel ma' l-attur li l-konvenut kien qed isuq "*b'veloċita' daqsxejn qawwija … . Kien tiela' b'veloċita' qawwija, kien tiela, għax kienet it-telgħa, u qaleb fuq il-lane l-oħra*." [12]

**Evan Cutajar,** wieħed minn dawk li ra l-inċident u li kien ġo karozza pparkjata fuq in-naħa tas-supermarket, flimkien ma' sħabu, xeħed illi : " … *smajna van tiela, ħarisna u rajna van abjad tiela hekk, 'l fuq, ftit 'il quddiem kien hemm karozza ħierġa u dan il-van biex jiskapulaha, skapulha insomma, u dar . Milli jidher, minn naħa l-oħra, minn fuq in-naħa l-oħra tat-triq, kien nieżel mutur, u tajru minn wara naħseb laqtu minn wara."* Mistoqsi x'veloċita' kien għaddej biha tal-van, u jekk setax jieqaf biex jevita li jaħbat ġo l-karozza, ix-xhud wieġeb *: "Mhix veloċita' għolja ħafna, imma naħseb għal telgħa u għal van, għolja konsiderevolment … Kieku waqaf ħesrem, kien jibqa' dieħel ġo fiha naħseb."* [13]

Il-konvenut baqa' ma xehedx .

RESPONSABILITA' GĦALL-INĊIDENT

Minn dawn il-provi jirriżulta indubbjament illi l-attur ma kellu ebda ħtija għal dak li ġara . Huwa kien għaddej b'veloċita' normali fuq in-naħa proprja tiegħu u għalkemm ipprova jevita l-kolliżjoni, billi applika l-brake u ġibed kemm seta' lejn il-bankina, xorta waħda ġie nvestit mill-

[11] ara affidavit a fol. 36 - 37 .
[12] a fol. 58 – 59 .
[13] a fol. 63 - 64 .

*van* misjuq mill-konvenut li ħabta u sabta nvadielu l-karreġġjata tiegħu .

Il-konvenut, jew aħjar id-ditta assikuratriċi li qed tidher għalieh, tittenta titfa' l-ħtija għal dak li ġara fuq il-mara li baqgħet mhux magħrufa u li qabdet u ħarġitlu mill-*parking bay* ta' quddiem is-*supermarket .* Issostni illi l-konvenut ġie rinfaċċjat b'emerġenza subitaneja li ma ħallietlux għażla oħra ħlief illi jipprova jieħu *evasive action* biex ma jibqax dieħel fiha . Madankollu sew l-attur u anke x-xhieda okulari qablu illi l-konvenut kien qed isuq b'ċerta veloċita' . Imma mingħajr ma naqqas xejn minn din il veloċita' u mingħajr ma esplora tajjeb it-triq, qabad u kiser għal fuq in-naħa l-oħra tat-triq, biex jaqla' din il-karozza . Il-mara li kienet f'din il-karozza, skond ix-xhud okulari Stephen Borg, qalgħet minn ġo l-*parking area* bil-mod u allura l-konvenut, li ma kellu xejn x'jostakolalu l-viżwali tiegħu, suppost li kellu ħin biżżejjed biex jinduna biha u jahseb x'ser jagħmel biex ma jibqax dieħel fiha . Żgur illi l-veloċita' li kien għaddej biha, ma kienitx dik konsentita f' *a highly built up area* bħal ma kienet dik il-parti ta' Triq il-Kapuċċini fejn seħħ l-inċident . Minflok ma naqqas minn din il-veloċita', għazel li jagħmel manuvra oħra perikoluża u qasam għall-karreġġjata opposta mingħajr ma ta każ tat-traffiku li seta' kien nieżel minn dik id-direzzjoni dak il-ħin u wisq inqas ikkalkula jekk kienx ser ikollu biżżejjed spazju biex jaqla' b'dak il-mod mingħajr ebda xkiel għal ħaddiehor . Dan kollu m'hu xejn ħlief *a self-inflicted incapacity*, negligenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut[14] u f'tali ċirkostanzi ebda parti mill-ħtija ma tista' tiġi attribwita lit-terz injot, u ċioe' li dik il-mara li kienet qed toħroġ mill-*parking* ta' quddiem is-*supermarket* .

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili . Madankollu, kif ġie osservat mill-Qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx

[14] ara f'dan ir-rigward il-ġurisprudenza kopjuża ċċitata mill-attur fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu .

regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ . Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi[15] . Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplići, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie[16] .

Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti : id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*) .

**Damnum Emergens :**

Fl-affidavit tiegħu l-attur jispjega fid-dettal l-ispejjeż illi huwa kellu jagħmel in konnessjoni mal-feriti li ġarrab konsegwenza ta' dan l-inċident, u dana f'konsulti ta' tobba, mediċini u terapija[17] . Permezz ta' nota,[18] l-attur esebixxa rendikont ta' l-ispejjeż kollha illi huwa kellu jagħmel f'dan ir-rigward, liema spejjeż laħħqu s-somma ta' : Lm73 + Lm27 = Lm100 u jinsabu kollha korroborati bl-irċevuti rispetttivi[19] . Ma' dawn hemm inklużi l-ispejjeż sabiex jissewwa l-*motor cycle* li kien riekeb meta seħħ dan l-inċident . B'kollox huwa nefaq sitta u tmenin lira maltija (Lm86) sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa . Hemm imbagħad it-telf ta' paga għall-perijodu li l-attur dam nieqes mix-xogħol sakemm irkupra mill-feriti li ġarrab f'dan l-inċident. Fl-affidavit tiegħu l-attur spjega illi huwa dam nieqes mix-xogħol tiegħu bħala pustier mit-2 ta' Lulju 2003 sal-31 ta' Awissu 2003 . Dakinhar kellu paga gross ta' Lm397.38 ix-xahar, u għalhekk jiġi li tilef Lm794.76 . Dawn l-ammonti,

---

[15] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952 .
[16] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol. XL. I. 73 ; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech ; vol. XLII.II. 1019 .
[17] ara affidavit tiegħu a fol. 37 .
[18] a fol . 45 .
[19] ara Dokti. SS 1 sa SS. 5 a fol. 46 - 54 .

li jlaħħqu total ta' **Lm980.76** ma ġew ikkontestati bl-ebda mod, jidhru ġustifikati fiċ-ċirkostanzi tal-każ u allura huma ripetibbli.

**Lucrum Cessan**s :

Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-Qrati tagħna adottaw diversi kriterji . Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell : "*Jingħad illi l-Qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom …. . Diversi drabi l-Qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'*.[20] Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża : **"***Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita' . Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni . Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'*[21] . Għal numru ta' snin il-Qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilit għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**" . Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjaħ il-*multiplier system* li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żidiet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment* . F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex

---

[20] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002 .
[21] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et : Appell : 20.7.1994 .

ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali[22] .

Meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża, l-attur kellu salarju gross ta' : Lm4768.57 fis-sena[23] . L-espert mediku Mr. Charles Grixti stabilixxa r-rata ta' diżabilita' permanenti li qed isofri minnha l-attur bħala waħda ta' sitta fil-mija (6%)[24] . Fil-kawżi li segwew Butler vs Heard b'mod rigoruz, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħla taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet titteħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena . Illum il-ġurnata pero' meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjiżi qed itawwlu wkoll l-eta' tal-pensjoni, ma baqa' ebda raġuni għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha[25] . Meta seħħ dan l-inċident l-attur kellu 23 sena[26] u għalhekk kien għad baqagħlu ħajja lavorattiva ta' 42 sena . Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk : Lm4768 ( paga bażi) x 42 (snin ta' ħajja lavorattiva) x 6% (debilita' permanenti) = Lm12015.36 . Billi ma kienx hemm dewmien esaġerat sabiex tinqata' din il-kawża, xieraq li jkun hemm tnaqqis ta' 20% minħabba l-*lump sum payment,* biex għalhekk jiġi illi huwa dovut : Lm12015.36 - Lm2403.07 = **LM9612.29** ***.***

RI-EPILOGU

Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-atturi in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti :

1. Damnum emergens : Lm 980 +
2. Lucrum Cessans : Lm9612

---

22 Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard : sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003 .

23 ara sffidavit tiegħu .

24 ara rapport a fol. 114 .

25 Agius vs. Galea et noe. : Kummerc : 11.7.1989; Buttigieg vs Azzopardi : Kummerc : 25.7.1989 ; Mario Camilleri vs Mario Borg : Prim'Awla : 8.5.1990 .

26 ara okkorrenza .

- Total ta'  :             Lm10592

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi :

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża ;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur minħabba fl-istess inċident, fl-ammont ta' għaxart'elef ħames mija tnejn u disgħin lira maltija (Lm10592) ; u

3. tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-22 ta' Awissu 2003, ta' l-ittra uffiċċjali ta' Settembru 2003 u ta' l-ittra uffiċċjali mibgħuta kontra l-kumpanija assikuratriċi tal-konvenut kontestwalment ma' din il-kawża, ikunu a karigu ta' l-istess konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------